MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 204/2003

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fit-22 ta’ Dicembru 1987 skond l-anness certifikat ta’ zwieg immarkat bhala Dok A u kellhom zewgt itfal E (13-il sena), F (8 snin);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta’ adulterju u dan billi kellu relazzjoni extra konjugali ma’ certu Noreen Vella liema relazzjoni ilha ghaddejja ‘l fuq minn sentejn;

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi, eccessi u ingurji gravi u dan billi sahansitra dahhal il-konkubina tieghu Noreen Xuereb tghix fid-dar matrimonjali u gieghel lill-attrici kontra qalbha ssefter ghall-konkubina tieghu;

Premess illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament ta' l-istess konvenut;

Premess illi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal firda personali ai termini tad-digriet numru 2027/2002 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili moghti fl-4 ta' Dicembru 2002 (Dok. B);

Premess illi ghalkemm il-konvenut qed jabita apertament flimkien mal-konkubina tieghu, skond l-istess digriet il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri gew fdati f' idejn il-konvenut.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti u penalitajiet stabbiliti fl-Artiklu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti favur l-attrici okkorrendo b' nomina ta' perit nominandi;

4. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn l-attrici u tiffissa access ghall-konvenut;

5. Tikkundanna lill-konvenut jhallas manteniment ghall-attrici u l-minuri skond kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-istess D C li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici, u ghalhekk ukoll m’ ghandux isofri spejjez;

2. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi kontra l-eccipjenti, kif jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-artikoli ndikati mill-attrici m’ humiex applikabbli.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavids prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Sammut, minnu debitament mahluf;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-Perit Valerio Schembri, minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Semghet lill-minuri F kameralment fl-1 ta’ Novembru 2006;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li cahad dak attribut lilu

mill-attrici, irreciproka l-imputazzjonijiet kontra l-attrici fit-termini ta' l-istess artikoli tal-ligi.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Dicembru 1987 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal E u Erika li llum ghandhom rispettivament 17 u 12 – il sena. Fis-27 ta' Settembru 2002 il-konvenut ex admissis kecca lill-attrici mid-dar konjugali, filwaqt li hu baqa' jghix hemm ma' ulied il-partijiet.

*Versjoni ta' l-attrici*
Illi l-attrici tilmenta mill-fatt li tul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut "dejjem kien prepotenti"[1] maghha u kien juri disprispett manifest lejn il-genituri taghha. Hija tghid li "Kull darba li kont naghmel xi haga li ma toghgbux kien jarma jidghi u jsabbat, [u] joffendini bil-familja tieghi." Hija kienet tibza' mill-konvenut peress li kien jheddidha.

Hija tispjega li, nonostante dan, il-konvivenza matrimonjali baqghet ghaddejja sakemm tfaccat terza persuna, AB identifikata b' isimha mill-partijiet. Fi Frar tas-sena 2000 din AB, li kemm hi kif ukoll zewgha kienu saru hbieb hafna tal-partijet, kienet telqet lil zewgha, u l-konvenut spicca biex gabha d-dar tghix maghhom. Illi ghalkemm l-attrici ma kinitx kuntenta b' din is-sitwazzjoni, izda ma setghet tirrezistiha ghax fi kliemha: "Jiena minn dejjem kont mhedda mir-ragel, u ghalhekk kont naghmel dak kollu li jrid hu." Skond l-attrici, meta l-konvenut gab lil AB fid-dar konjugali "biesha [lil AB] u qalli biex niehu hsiebha".

L-attrici tghid li inizjalment AB kienet torqod fil-kamra tas-sodda fejn kienet torqod hi, u li huma kienu hbieb; izda sussegwentement l-istess AB kienet marret torqod fil-kamra tas-sodda fejn kien jorqod il-konvenut, u damu b' din is-sistema circa tlett [3] snin. Rigward dan, l-attrici tghid "Jiena kont oggezzjonajt ghal dan, pero' hu [il-konvenut] ma rrezistihiex".

---
[1] Aff. fol.27 et seq.

Hi tghid li gieli sabet kontracettivi kemm uzati kif ukoll fil-pakkett; u l-konvenut kien izjed isib lilha milli lil martu. Inoltre martu kellha ssajjar affarijiet li thobb AB li f' dak iz-zmien kienet qeda tistenna tarbija. Tghid: "Sirt seftura u hi s-sinjura tad-dar." u li AB kienet tqis ruhha bhala l-mara tal-konvenut.

Sussegwentement fis-27 ta' Settembru 2002 il-konvenut kecca lill-attrici mid-dar.

Illi fid-deposizzjoni taghha, l-attrici tghati spjegazzjoni ghad-dejn li minnu jlmenta l-konvenut. Dawn kien jirreferi ghad-dejn li kellha ma' tal-grocer fiz-zmien li l-konvenut kien qed jaghtiha biss Lm10 fil-gimgha ghall-hajja; filwaqt li dak riferibbli ghal hanut tal-gugarelli, tghid li dina kienet skema li biha thallas Lm5 fil-gimgha akkont tal-prezz tal-gugarell qabel tkun ser tixtrih.

*Versjoni tal-konvenut*

Il-konvenut jilmenta mill-fatt li martu "dejjem kienet tonfoq flus bla razan u bl-addocc."[2] Hu jghid li martu ma kinitx "tirrispetta l-bzonnijiet kemm tieghi, kif ukoll tat-tfal taghna." Kienet taghmel granet shah barra jew ghand ommha, u lilu ma kinitx issajjarlu. Jghid li "Kuljum hija kienet thallili biss hobz biz-zejt fuq il-mejda sabiex niekol."

Hi jghid li fis-sena 1994 huwa kien ottjeni l-quickcash card, izda peress li ma kienx jaf juzaha, huwa kull nhar ta' gimgha kien jaghtiha lill-attrici, li allura kellha access ghal kont rispettiv. Wara erba' snin beda jissuspetta li l-attrici kienet qeda tigbed "ammonti kbar ta' flus" ad insaputa tieghu, u ghalhekk bl-ghajnuna ta' AB u zewgha kien itghallem juza l-quickcash. Eventwalment kienet tmur AB biss mieghu meta kien juza l-quickcash card. Rizutlat ta' verfifiki li ghamel il-konvenut mal-bank koncernat, jirrizulta li bejn is-sena 1996 u 1998 l-attrici gibdet minghajr il-kunsens tieghu, ammonti li skond il-konvenut jammontaw ghal Lm430 fis-sena 1998, Lm475 fis-sena 1997 u Lm160 fis-sena 1996[3].

---

[2] Aff. fol.231 et seq.

[3] Il-konvenut in propositu esebixxa statements tal-allura Mid Med Bank ghal dawn is-snin – fols.385 sa 393

Il-konvenut jichad "kategorikament" l-allegazzjoni ta' martu li hu kkommetta adulterju ma' AB; u jispjega li fis-sena 1998 kienet nibtet hbiberija bejn iz-zewg familji fiz-zmien meta hu kien qed jaghmel xi xogholijiet fil-fond sottostante d-dar ta' AB. Huwa jichad li kellu xi relazzjoni ma' AB. Jghid li fis-sena 2000 huwa kien sar jaf li AB kienet kriet flat fiz-Zejtun peress li din kienet stiednithom ghall-maghmudija tat-tarbija taghha; izda fl-istess affidavit jghid li l-attrici "kienet tiehu hsieb it-tarbija ta' Noreen, u sahansitra ahna konna nohorgu bhala familja bit-tarbija ta' Noreen maghna."

Illi fid-deposizzjoni[4] tieghu, il-konvenut jichad li kien hemm relazzjoni ntima bejnu u bejn AB; u jghid li din qatt ma kienet tabita fil-fond konjugali, ghalkemm kienet taghmel granet shah hemmhekk peress li kienet habiba wkoll ta' l-attrici; u jghid ukoll li din qatt ma raqdet hemm. Jghid, pero', li "kemm illi li keccejt lil mara mid-dar, jiena xorta zammejt il-kuntatt ma' [AB] u dan billi baqghet tigi tnaddafli."

Huwa jispjega li kien kecca l-mara mid-dar peress li kien mdejjaq bis-sitwazzjoni kreata mill-mara tieghu li, skond hu, kienet bieghet id-deheb li kienu qalghu t-tfal, u kienet qeda taghmel id-dejn. Huwa jispjega li mit-tifel tieghu sar jaf li martu kienet bieghet id-deheb tat-tfal u din ma cahditux. Inoltre, huwa sar jaf li martu kellha d-dejn ta' circa Lm200 ma' tal-grocer, u dejn ma' hanut tal-gugarelli li hija kienet tordna biex tatihom lit-tifla.

Jghid li meta kecca lill-attrici mid-dar konjugali "jiena din id-decizjoni hadtha f' daqqa wahda. Kont dejjem inkun imdejjaq u ndannat bis-sitwazzjoni tad-dejn." Jghid li d-dejn ma' tal-grocer sar jaf bih f' Awissu 2002, filwaqt dak mal-hanut tal-gugarelli kien sar jaf bih qabel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti, wara li ezaminat il-versjoni tal-partijiet, fid-dawl ukoll tal-assiem tal-provi, hija tal-fehma li ghandha tghati

[4] Dep. fols.54 et seq.

affidament lill-attrici meta dina tghid li l-konvenut, tul il-konvivenza matrimonjali kien prepotenti maghha u kien jezercita dominanza fuqha kif fuq indikat, tant li hija kienet tibza' minnu bil-konsegwenza li kienet tkun kostretta taghmel dak li jghid hu. Hija kienet tibza' minn zewgha sa tal-grad li l-attrici kienet kostretta li tittollera mara ohra fid-dar konjugali li ghal tlett snin kienet torqod fl-istess kamra tas-sodda fid-dar konjugali fejn kien jorqod ukoll il-konvenut.

Dan il-komportament abusiv tal-konvenut lejn martu, li kienet thossa mhedda minn zewgha fid-dar konjugali, isib konfort shih fil-fatt ammess mill-istess konvenut, u konfermat minnu diversi drabi fix-xhieda tieghu, li meta dehrlu huwa kecca lil martu mid-dar konjugali u pprivaha milli tara lit-tfal.  Mhux hekk biss, imma ghamel l-almu tieghu biex b' success ghawwa lit-tfal kontra ommhom.

In propositu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[1]  Illi ma jirrizultax li kien hemm xi raguni valida fil-ligi sabiex il-konvenut ikecci lil martu mid-dar konjugali li, di piu' hi proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti.  Ir-raguni li jghati l-konvenut fix-xhieda tieghu, fis-sens li dina kienet qeda taghmel id-dejn u li kienet hadet "sommom sostanzjali" ta' flus mill-kont bankarju meta kellha l-pussess tal-quickcash card, mhijex valida u hija nattendibbli: fl-ewwel lok ghax il-kont li minnu ngibdu l-flus kien qed jigi operat waqt iz-zwieg u ghalhekk appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti; fit-tieni lok ghax l-ammonti migbuda fuq tul ta' zmien ma kienux daqshekk sostanzjali; fit-tielet lok ghax l-attrici tghid li kien hemm zmien meta hija kien ikollha tiddejjen peress li l-konvenut kien qed jghatiha Lm10 fil-gimgha ghal hajja.

Izda anke jekk dato non concesso huwa minnu li l-attrici gibdet flus kappriccjosament minghajr ma qalet lill-konvenut, dana kellu mezzi ohra sabiex jikkawtela l-interessi finanzjarji tieghu, izda zgur ma kellux dritt fil-ligi li jkecci lil martu mid-dar konjugali;  u dan, anke jekk, dato non concesso, hija veritiera l-allegazzjoni tieghu li dina kienet bieghet id-deheb tat-tfal. Dawn l-ilmenti ta' natura

strettament finzanzjarja ma jiggustifikawx l-agir tal-konvenut fil-konfront ta’ martu; u l-Qorti thoss li dina ma kienitx il-vera raguni ghaliex il-konvenut kecca lil martu mid-dar.

[2] Illi inoltre l-mod kif il-konvenut tratta lil martu wara li kecciha mid-dar, billi pprivaha milli tara lil uliedhom, billi ghawwa lill-istess kontra ommhom sa tal-grad li dawn, inkluz it-tifla, illum huma kategorici fil-fehma taghhom li ma jridux jaraw lil ommhom, hija evidenza tal-mod abusiv li bih l-konvenut kien jittratta lil martu, kemm tul il-konvivenza matrimonjali, kif ukoll wara li kecciha mid-dar konjugali. Il-Qorti zgur li ma taccettax bhala veritier l-fatt allegat mill-konvenut li dawna ma jridux jafu b’ ommhom ghax dina ma kinitx taghti kashom, ghax il-provi juru mod iehor. L-impenn u t-tentattivi kostanti tul dawn il-proceduri da parti ta’ l-attrici sabiex dina zzomm kuntatt ma’ uliedha huma evidenza ta’ kemm l-attrici ghandha ghal qalbha lit-tfal taghha, nonostante l-agir taghhom fil-konfront taghha.

Il-Qorti tosserva li dan il-komportament abitwali u ripetut da parti tal-konvenut, ta’ dominanza u prepotenza, fil-konfront ta’ l-attrici jikkostitwixxi servizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-kap.16

Illi d-dominanza tal-konvenut fuq martu wasslet sabiex huwa dahhal mara ohra fid-dar konjugali, minghajr il-kunsens ta’ l-attrici, u li eventwalment, nonostante l-oggezzjoni ta’ l-istess attrici, spiccat biex ghal tlett snin shah raqdet fl-istess kamra tas-sodda fejn kien jorqod il-konvenut.

In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm il-konvenut u din il-mara, cahdu li dina qatt raqdet fid-dar konjuugali, il-Qorti tikkunsidera l-versjoni ta’ l-attrici aktar attendibbli fil-kuntest tal-provi migjuba. Il-Qorti hija sodisfatta, legalment u moralment, li l-konvenut kellu relazzjoni ta’ hbiberija specjali ma’ din il-mara, a skapitu tar-relazzjoni tieghu ma’ martu, u dan fih innifsu, anke jekk l-adulterju ma jirrizultax provat, din ir-relazzjoni tieghu ma’ terza persuna, tikkostitwixxi ngurja gravi fit-termini ta’ l-artikolu precitat; kif tirrizulta ukoll l-offiza gravi dak li huwa qal fil-konfront

ta' martu meta fid-dikjarazzjoni guramentata[5] tieghu huwa attribwixxa l-adulterju fil-konfront ta' martu filwaqt li ma gab ebda provi in propositu, anzi fid-deposizzjoni tieghu huwa adirittura jeskludi l-adulterju jew xi relazzjoni extra matrimonjali da parti ta' martu.[6] Dan fih innifsu jkompli jdghajjef il-kredibilita' tal-konvenut.

Illi in fine l-Qorti tosserva li dwar l-ilment principali tal-konvenut li martu kienet "dejjem tonfoq flus bla razan u bl-addocc", li apparti milli dan ma jirrizultax provat, jinsab imdghajjef bl-azzjoni tieghu stess meta huwa kien jafda l-quickcash card f' idejn il-mara tieghu biex tigbed il-flus ghall-hajja; ghax mhuwiex verosimili li l-konvenut, li ma jafx jopera l-quickcash card ghalkemm jaf il-funzjoni taghha, jafda il-quickcash card f' idejn martu jekk verament dina ma kellhiex kontroll ta' kif tonfoq il-flus.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u dan unikament minhabba sevizzi u ngurja gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

**Kura u Kustodja**

Illi f' dan ir-rigward jimpera l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi u jipprevalu fuq dawk tal-ġenituri. Inoltre l-Qorti ghandha tigi gwidata minn dak li hu ta' l-aqwa vantagg u utilita' ghall-minuri.

Illi llum il-minuri E u F ghandhom rispettivament 17 u 12-il sena. Tul dawn il-proceduri l-minuri rrifjutaw konsistentement li jaraw lil ommhom u rrezistew kwalunkwe tentattiv da parti ta' l-omm, tas-social workers u anke ta' din il-Qorti sabiex dawn jaraw lil ommhom anke taht supervizjoni.

In propositu huma opportuni s-sewgwenti osservazzjonijiet:

---

[5] Fol.19
[6] Fol.209

[1] Illi mhuwiex fl-interess tal-minuri, partikolarment tat-tifla F li hija f' eta' zghira, li dawna jeskludu lil ommhom minn hajjithom. Il-minuri ghandhom bzonn iz-zewg genituri fil-hajja taghhom, b' mod partikolari t-tifla z-zghira;

[2] Illi, ghalkemm dawn il-minuri rrifjutaw konsistentement, u ghadhom jirrifjutaw, li jaraw lil ommhom, huma ma taw ebda raguni plawsibbli ghal dan, ghajr dik li ommhom bieghat id-deheb taghhom u "ghamlu wkoll referenza ghal xi sekwestru"[7]. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li l-posizzjoni mehuda mill-minuri llum hija rizultat ta' l-influwenza negattiva u dominanti ta' missierhom li jrid jeskludihom kompletament mill-hajja ta' l-attrici.

Ghaldaqstant l-intervent tal-Qorti f' dan ir-rigward ghandu jkun drastiku fis-sens li, nonostante x-xewqat tal-minuri F, dina ghandha tigi kostretta li perjodikament tara lil ommha bil-ghan li terga' tigi stabbilita r-relazzjoni tajba li kien hemm bejniethom qabel ma' l-konvenut kecca lil martu mid-dar konjugali. Din il-mizura qeda tittiehed fl-interess ta' l-istess minuri.

Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F tkun kongunta, filwaqt li fil-prezent it-tifla tibqa' tghix ma' missierha l-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut huwa ordnat li kull nhar ta' Erbgha wara l-iskola jiehu l-minuri ghand l-attrici sabiex din tqatta' saghtejn ma' ommha mill-5.30 pm sas-7.30 pm, u kull nhar ta' Hadd tqatta' erba' sighat ma' ommha mid-9.30 am sas 1.30 pm; u dan l-access ghall-ewwel xaharejn ikun taht supervizjoni, barra il-bini ta' l-Appogg, u li dan ikun ghas-spejjez tal-konvenut. L-Agenzja ghandha tirrapporta lil din il-Qorti b' nota fi zmien tlett xhur, jew qabel, jekk ikun il-kaz, dwar l-andament ta' l-access.

Il-Qorti tordna lill-istess konvenut sabiex jiehu l-misuri kollha biex il-minuri, li ghad ghandha 12-il sena u li hija fdata lilu, tattendi ghall-access ordnat; b' mod li jekk l-access ma jsirx huwa jkun sanzjonabbli taht id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.

---

[7] Risposta SW Therese Micallef fol.171

Il-Qorti tordna wkoll li b' applikazzjoni ta' l-artikolu 149 tal-Kap.16, din il-parti tas-sentenza ikollha effett immedjat mal-pronunzjament tas-sentenza, sakemm ma jkunx hemm revoka minn Qorti kompetenti.

Rigward il-minuri E, il-kura u kustodja tieghu ghandha tibqa' f' idejn il-missier. Jigi osservat li dan illum sar kwazi maggjorenni u ghalhekk ghandu grad ta' maturita' sufficjenti li jippermettilu jiddecidi hu jekk jarax lil ommu jew le.

**Manteniment**

Illi in propositu l-provi huma skarsi, ghajr ghad-dokumenti esebiti mill-konvenut li juru l-qliegh gross tieghu bejn is-snin 1998 u 2002, bl-ahhar sena jigi dikjara l-qliegh gross ta' Lm14,950.

Mill-provi jirrizulta li, filwaqt li l-konvenut jahdem fil-kostruzzjoni tal-bini, l-attrici ma tahdimx, u ghalhekk din qed tippretendi s-somma mensili ta' Lm200 bhala manteniment ghaliha.

In propositu jigi osservat li l-htija tal-konvenut ghas-separazzjoni personali, filwaqt li hija tali li tattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier tieghu tad-dispost ta' l-artikolu 48[1] tal-Kap.16, tirrendi gustifikata t-talba attrici ghall-hlas ta' manteniment ghaliha.

Illi din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li llum l-attrici ghandha vicin il-hamsin [50] sena u ghalhekk l-opportunitajiet taghha li ssib xoghol b' introjtu adegwat huma baxxi, anke tenut kont tal-fatt li matul il-konvivenza matrimonjali hi ma kintx tahdem, u tenut kont ukoll tal-fatt ta' l-introjtu tal-konvenut kif jirrizulta mid-dokumenti prezentati minnu, tikkunsidera gusta retta alimentarja favur l-attrici ta' mija u tmenin lira maltin [Lm180] fix-xahar, ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax – il ewro u tletin centezmi [419.30].

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici kull xahar is-somma ta' Lm180, ekwivalenti ghal 419.30 ewro, billi jibaghat cheque f' dan l-ammont fl-indirizz residenzjali taghha.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**

Illi mill-provi migjuba, li huma skarsi ghall-ahhar, jirrizulta li fil-komunjoni hemm is-segwenti assi:

*Immobbli*

Dawn l-immobbli jinsabu deskritti u valutati fil-kuntratt ta' divizjoni[8] pubblikat minn Nutar Dottor Carmel Gafa' fis-16 ta' Gunju 2003, li kopja tieghu qieghda tigi annessa ma' dan il-gudizzju [Appendici A]

[A] Mezzanin saqaf u gebel fi Triq il-Mintba, Marsascala tal-valur ta' Lm26,000[9];

[B] Garage fil-livell ta' semi basement fi Triq il-Mintba, Marsascala tal-valur ta' Lm5,000[10];

[C] Garage b' access minn Triq Toni Zahra fiz-Zejtun tal-valur ta' Lm4,500[11];

[D] Store taht tarag b' access minn Triq Toni Zahra fiz-Zejtun tal-valur ta' Lm1,500[12];

[E] Tlett garages b' access minn Triq Toni Zahra, fiz-Zejtun tal-prezz komplessiv a' Lm13,500[13];

[F] Art Fabbrikabbli fi Triq il-Hbit mill-Ajru, fil-Kalkara tal-kejl ta' circa sitta punt tnejn metru faccata bi tlieta u ghoxrin punt tmienja u sebghin metru tul, tal-valur tal-valur ta' Lm22,000[14];

---

[8] Fols.34 sa 37
[9] Fol.34 – indikat bl-ittra [A] fuq il-kuntratt ta' divizjoni
[10] Fol.34 tergo – indikat bl-ittra [B] fuq il-kuntratt
[11] Fols.34 tergo u 35 - indikat bl-ittra [Di] fuq il-kuntratt
[12] Fol.35 – indikat bl-ittra [Dii] fuq il-kuntratt
[13] Fols. 34 tergo u 35 – indikati taht il-partita [Di] fuq il-kuntratt
[14] Fol.34 tergo – indikata taht il-partita [C] fuq il-kuntratt

Illi minnbarra dawn l-immobbli hemm is-segwenti mmobbli:

[G] Il-fond [terraced house] bl-isem 'Arzella' numru 57 go Triq il-Kleriku, Fgura valutata fl-ammont ta' Lm75,000[15];

[H] Terz indiviz ta' garage bin-numru 106 go Triq il-Kleriku, fil-Fgura valutat dan is-sehem fis-somma ta' Lm10,000;

*Mobbli*
[1] Zewg vetturi: wahda tal-marka Toyota u l-ohra truck Bedford, li ma nghatawx valur taghhom;

[2] L-ghamara u l-effetti mobbli ohra ezistenti fid-dar konjugali, li pero' ma gietx prezentata ebda lista taghhom, u lanqas valur.

*Assenjazzjoni*
Illi permezz ta' skrittura privata ffirmata mill-partijiet fis-16 ta' Gunju 2003[16], u cioe' fl-istess gurnata li fih sar l-imsemmi kuntratt ta' divizjoni, u redatta mill-istess nutar, u li kopja taghha qieghda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mieghu [Appendici B] il-partijiet ftehmu kif kellha tinqasam il-proprjeta' li giet assenjata lilhom permezz ta' l-imsemmi kuntratt; u ghalhekk il-Qorti tosserva li dan il-ftehim bil-miktub milqugh bejn il-partijiet ghandu jigi rispettat.

Konformament din il-Qorti qed tassenja lill-attrici il-proprjeta <u>fuq</u> indikata taht il-partiti [A][B] u [C] u cioe' il-mezzanin u zewg garages bil-valur komplessiv ta' Lm35,500; filwaqt li qed tassenja lill-konvenut il-proprjeta' indikata taht il-partiti [D][E] u [F] tal-valur komplessiv ta' Lm37,000.

In propositu, il-konvenut isostni li hu m' ghandu jghati xejn lill-attrici in ekwiparazzjoni ghax din diga' thallset meta fit-22 ta' Mejju 2003 thallset is-somma ta' Lm5,347 b' zewg

---

[15] Vide rapport AIC Valerio Schembri fols.495 et seq.
[16] Fol.38 MGE2

cheques mahrugin mill-Bank of Valletta. Il-Qorti tosserva li, nonostante li dan il-hlas kien sar ftit qabel il-kuntratt u qabel il-ftehim tas-16 ta' Gunju 2003, l-attrici ma opponietx ghal din l-allegazzjoni, u ma rrispondietx ghaliha. Ghaldaqstant ghandha tigi accettata mill-Qorti bhala wahda attendibbli u l-ebda ekwiparazzjoni ma hi dovuta lill-attrici fuq din il-proprjeta.

Illi rigward id-dar matrimonjali 'Arzella' numru 57 go Triq il-Kleriku, Fgura tal-valur ta' Lm75,000; kif ukoll rigward is-sehem tal-partijiet ta' terz indiviz tal-garage bin-numru 106 go Triq il-Kleriku, fil-Fgura tal-valur ta' Lm10,000; il-Qorti, fid-difett ta' ftehim bejn il-partijiet u tenut kont id-differenza sostanzjali fil-prezz ta' dawn il-fondi, tassenja lill-konvenut it-terz indiviz tal-garage imsemmi, filwaqt li tordna li, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, id-dar "Arzella" tinbiegh fuq is-suq miftuh fi zmien sena, wara liema perijodu din ghandha tinbiegh bis-subbasta ghall-prezz ta' mhux anqas minn Lm75,000; sabiex ir-rikavat jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon minnhom tinghata lill-konvenut <u>wara</u> li titnaqqas minnha s-somma ta' Lm10,000 li ghandha tigi mhallasa lill-attrici, filwaqt li l-porzjon l-iehor jinghata lill-attrici flimkien ma' din is-somma.

Inoltre tordna li fi zmien sena mill-lum il-konvenut, flimkien maz-zewg ulied tal-partijiet, jivvakaw il-imsemmi fond cioe' 'Arzella' numru 57 go Triq il-Kleriku, Fgura.

Illi rigward il-mobbli, il-Qorti tosserva li ma nghataw ebda valur ta' kemm jiswew il-vetturi, u ghalhekk, filwaqt li tassenja kemm il-vettura Toyota kif ukoll it-truck bedford, lill-konvenut, <u>tordna li dana jhallas bhala ekwiparazzjoni s-somma ta' Lm800 lill-attrici</u>.

Rigward l-ghamara u l-effetti mobbli l-ohra li hemm fid-dar, il-Qorti tordna li, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, dawn ghandhom jinbieghu flimkien mad-dar konjugali, wara li jigu stmati mis-sur Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert stimatur ghal dan l-iskop; u wara, ir-rikavat jinqasm ugwalment bejn il-partijiet; hlief ghal proprjeta' parafernali ta' l-attrici konsistenti fil-magna tal-hjata, mixer,

dinner set, purtieri u bedspread li ghandhom jigu ritornati mill-konvenut lill-attrici, jew, fin-nuqqas, jghati lill-istess attrici s-somma ta' Lm2,000. Rigward l-oggetti li l-attrici ndikat fin-nota taghha bhala "xi deheb personali", in difett ta' prova dwar il-konsistenza ta' dan id-deheb il-Qorti tikkunsidera din il-parti tal-pretensjoni taghha nattendibbli.

Illi l-kontijiet bankarji f' isem il-partijiet ghandhom jinqasmu f' ishma wgwali bejniethom.

Illi kull dejn li jista' jezisti u li ma jirrizultax minn dawn l-atti, ghandu jigi mhallas minn dik il-parti li tkun ghamlitu.

Illi kull parti tkun unikament responsabbli ghall-hlas ta' taxxa jew xi arretrati ta' taxxa dovuti fuq id-dhul separat taghhom.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1] tal-kap.16 fl-intier tieghu;

[3] tilqa' t-tielet talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjha kif fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti"; u inoltre tordna li fi zmien sena mill-lum il-konvenut, flimkien maz-zewg ulied tal-partijiet, jivvakaw il-imsemmi fond cioe' 'Arzella' numru 57 go Triq il-Kleriku, Fgura.

[4] tichad ir-raba'talba u tafda l-kura u kustojda tal-minuri E u F lill-konvenut bid-dritt ta' access ghall-attrici kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni "Kura u Kustodja."

[5] tilqa' l-hames talba u tordna li l-konvenut jhallas manteniment lill-attrici kif fuq stabbilit fis-sezzjoni "Manteniment" – u dan sakemm l-attrici ma tibdhiex tahdem bi qlieh adegwat.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------